MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 31 – 4 Leġiżlatura**

**It-tlieta 21 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsill Reġjonali u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Ħal Luqa | Is-Sur John Schembri |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Żejtun | Sinjura Doris Abela |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku tal-Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Luċija | Kapt Charmaine St John |
| Sindku Marsaskala | Chev Mario Calleja |
| Sindku Ħal Qormi | Nutar Josef Masini Vento |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Kunsillier Carmen Sammut

ASSENTI

Sindku Gudja Maria Sara Vella Gafa, Sindku Steven Grech, Sindku Stephen Sultana

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

, '

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**31.1** **Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

31.1.1 Il-president informa li Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsilliera Carmen Borg li kienet tinstab indisposta.

**31.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

31.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' disa u għoxrin (29) u il-Minuti tletin (30) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

31.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u s-sekondat mis-Sindku Chev Mario Calleja, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

31.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Tournanment tal-Futbol**

Il-President fakkar li ser jiġi organizzat futbol tournament bejn in-nurseries f'ħdan ir-Reġjun nhar issir Sibt filgħodu fl'25ta' Mejju 2024. Kif kien infurmat il-Kunsill waqt l-aħħar laqgħa, il-loġistika u l-organizzazzjoni ser jieħu ħsieba is-Sur James Fenech. Il-President appella sabiex is-Sindku jew Kunsillier responsabbli mill is-sport jkunu preżenti.

**Kollaborazzjoni ma l-Esplora**

Il-president informa li uffiċjali maniġerjali iltaqa' ma' l-Esplora sabiex inkomplu naħdmu fuq il-ftehim ta' kollaborazzjoni. Waqt din il-laqgħa ġie stabbiliet proġett b'tema ta' 'outreach' u 'science busking'. Il-kunċett ta' dan il-proġett nixtiequ nwasslu aktar ix-xjenza fil-familji, u nolqtu aktar lill-adoloxxenti u tfal. Għaldaqstant dan il-proġett ser ikun qed jinvolvi attivitajiet li jinvolvu u jsaħru lil dawk li jkunu qegħdin preżenti. Minn dawn il-proġetti għalissa ser inkunu qed naħdmu fuq 2 f'dati differenti. Bħala tim ħsibna li wieħed mill-postijiet li ntellgħu din l-attivita' ikun propju l-Ġnien taċ-Ċinizi f'St Lucija nhar l-4 ta' Lulju 2024. Id-data l-oħra hija proposta 12 ta' Settembru fil-Ġnien Romeo Romano Santa Venera, Gnien tal-Kmand Żejtun u Ġnien il-qarrejja il-Gudja. Il- kunsilli huma mħeġġa sabiex jorganizzaw trasport sabiex ir-residenti jattendu l-attivitajiet

**Tnedija Tal- EV Van**

Il-President informa li tnedija tal-EV Van li nxtara b'fondi mil-Skema Lesa 'Proġetti fil-Komunità' saret nhar 24 ta' April 2024 fl-10am fejn it-Tribuna Ħal-Qormi. Għal din it-tnedija kienu preżenti il-Ministru Byron Camilleri u Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli, il-president ta' Reġjun, Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout, id-direttur ta' l-Agenzija Lesa -sur Svetlick Flores, ir-reġistratur Dulcie Gauci u staff Maniġerjali. Il-president tenna li l-EV Van ser ikun ipparkjat f'ċentru parrokkjali ta' San Bastjan, peress li Reġjun m'għandux garage. Wara li saret riċerka dwar il-possibbiltà ta' kiri ta' garage il-kwotazzjoni milħuqa ma Ċentru San Bastjan kienet l-irħas. L-ammont mifhum huwa ta' 2000 euro excl VAT f'sena . Ir-Reġjun u Ċentru Parrokkjali San Bastjan iffirmaw MOU bħala ftehim li jkopri din il-kera għal sena.

**31.3 Komunikazzjoni mill-president;**

31.3.1 **Laqgħa mal -Kuntrattur ta' ġbir ta' l-skart**

Il-president informa li illum ir-reġjun għamel laqgħa mal-kuntrattur, fejn tqajmu diversi punti dwar ċertu nuqqasijiet li qed niltaqaw magħhom waqt l-operat tal-kuntratt, fosthom il-bundling tal-boroż, l-iskart miġbur miċ-ċimiterji, is-sistema tal-GPS. Nġibdet l-attenzjoni dwar rapporti li rċieva ir-reġjun dwar ġbir ta' l-iskart waqt il-ħinijiet ta' l-iskola. Il-president tenna li kuntrattur fehem illi ġbir waqt il-ħin li tfal jidħlu jew joħorġu mill l-iskola huwa ta' periklu għat-tfal għalhekk huwa qal kien ser javża li xufiera biex ma jibqax issir ġbir dak il-ħinijiet. Ġie diskuss ukoll il-fatt illi meta qed issir iċċekkjar ta' rapporti li jaslu mil-Wasteserve, qed ikun istanzi li dan ma jaqbilx ma rapporti li nirċievu mingħand il-kuntrattur visa vie number plates ta' trakkijiet. Min tiegħu il-kuntrattur qal li ser jara li l-operat ikompli jitjieb. Presenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll is-segretarju Eżekuttiv u l-uffiċjal maniġerjali responsabbli mill-iskart

**31.3.2 Uffiċjal maniġerjali tal-kultura**

Il-president informa li l-uffiċjal maniġerjali bħalissa qeda isservi ukoll bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għal Kunsill ta' Santa Venera. Huwa tenna li kien qed iqajjem dan il-punt għaliex jinsab diżapuntat li kemm is-Sindku ta' Santa Venera kif ukoll l-istess uffiċjal ma infurmaw la lilu u lanqas lis-segretarju eżekuttiv b'din il-ħatra. Huwa fakkar li-persuna hija impjegata ta' reġjun għalhekk kellu jintalab permess, jew l-uffiċju kellu jiġi infurmat li qed issir dan il-pass. Fil-passat meta Kunsill mir-reġjun kellu bżonn għajnuna amministrattiva din ingħatatlu permezz ta' uffiċjal eżekuttiv.

**31.4 Item: Riżultat ta' intervista- sejħa għal Assistant Prinċipal Skala 11**

Il-President informa Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2024 fl-15.30hrs l-applikanta ġiet msejjħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Nofsinhar, għal-interview tal-post vakanti ta'Assistant Prinċipal. L-applikanta kien l-unika persuna li kanditat għal dan il-post vakanti. Il-Bord kien jikkonsisti mis-Sur Jesmond Aquilina – President tar-Reġjun Nofsinhar, Kunsillieri is-Sinjura Maria Magri, Kunsillier Dr Liam Sciberras u Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout.

Saru diversi mistoqsijiet mill-membri tal-Bord lill- kandidata prezenti. Imtlew l' *Manager Evaluation Reports* mill-membri tal-bord u ġie konkluz l-interview – rapporti annessi.

Il-Bord ikkonkluda li l-applikanta ikwalifikat għal post vakanti ta' Assistant Prinċipal.

Il-Kunsill qabel ma rakkomandazzjoni tal-Bord

**31.5 Skeda ta' Pagamenti;**

31.5.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 05/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

31.5.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku John Schembri u sekondat Sindku Darren Abela il-kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**31.6 Rapporti**

**31.6.1** Rapport Finanzjarju Q1

Il-president ressaq ir -rapport ta' l-ewwel kwart tas-sena . Hu talab lil accountant Sur Kevin Inkorvaja jagħti spjega tiegħu. Is-Sur Inkorvaja aql li dan il kwart ta' sena kien qed juri telf ta 146000, minħabba l-iskart. Huwa ta' spjegazzjoni ta' kif ġie ikompulat dan it-telf primarjament minħabba extra tipping fees mill-Wastserve. Huwa tenna kieku ma kienx hemm din is-sitwazzjoni ir-reġjun kellu surplus ta' 32,000 u l-andament tal-baġit kien normali.

Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu

**31.6.2** Risposta -Management Letter

Ir-risposta tal-Management Letter inqrat lil membri presenti u ngħatat spjegazzjoni ta' kull punt imressqa mill-awdituri.

Kien hemm qbil unanimu sabiex ir-risposta tiġi mibgħuta lil NAO.

**31.7** **Affarijiet Oħra**

31.7.1 Il-president ħa l-opportunita sabiex isellem lis-Sindki li ma kienux ser jerġaw jikkontestaw l-elezzjoni tal-Kunsilli lokali ta'8 ta'Ġunju, fosthom Sindku ta' Żejtun Sinj Doris Abela, Sindku ta' Ħal Għaxaq Sur Darren Abela kif ukoll lil Sindku ta' Gudja Dr Maria Sara Vella Gafa u rringrazzjhom ta' ħidmithom. Min naħa tagħhom huma irringrazzja lil President, lis-Segretarju Ezekuttiv u li staff kollu ta' servizz professjonali li jagħtu lil Kunsilli. Il-president awgura li-Sindki suċċess fil-parteċipazzjoni għal l-elezzjoni li jmiss.

**31.8** **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

31.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal data li ser tiġi ikkomunikata iktar il-quddiem minħabba li f'8 ta' Ġunju hemm l-elezzjoni tal-kunsilli lokali

Konfermati llum 31 ta' Lulju 2024____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv